**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Sonia Maria Mugliett (KI 356368M)**

**Vs**

**Garry Magro (KI 468093M) u Nevjana Kostova ghal kull interess li jista' jkollha**

**Rikors nru 117/17**

Illum 14 ta' Novembru 2017

Il-Bord,

Ra r-rikors guramentat ta' Sonia Maria Mugliett li jaqra hekk:

1. Illi r-rikorrenti hija wahda mill-proprjetarji tal-fond bin-numru hamsa u erbghin (45) li jinsab gewwa Triq il-Qalb Imqaddsa, Santa Venera;

2. Illi r-rikorrenti dahlet f'kuntratt ta' lokazzjoni mal-konvenut Garry Magro datat tmienja ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (08.07.2015) (Dok A anness), fir-rigward tal-fond fuq imsemmi; liema kirja skadiet fit-tmienja ta' Lulju elfejn u sittax (08.07.2016);

3. Illi in oltre, minkejja li l-fond kien mikri biss lill Gerry Magro jirrizulta li Nevjana Kostova wkoll tirrisjedi gewwa l-insemmi fond;

4. Illi minkejja li l-konvenut Garry Magro kien interpellat diversi drabi mir- rikorrenti sabiex johrog u jivvaka mill-fond bin-numru hamsa u erbghin (45) li jinsab gewwa Triq il-Qalb lmqaddsa, Santa Venera stante li l-kirja li kien igawdi ntemmet, huwa baqa inadempjenti ;

5. Illi safejn taf ir-rikorrenti, l-intimati ma ghandhomx difiza x'jaghtu ghat-talbiet taghha;

Ghaldaqstant in vista tal-premess ir-rikorrenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jghaddi biexjiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur ta' l-artikolu 16A tal-Kap.69 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Jiddikjara li l-kuntratt ta' kirja fuq il-fond bin-numru hamsa u erbghin (45) li jinsab gewwa Triq il-Qalb Imqaddsa, Santa Venera tat-8 ta' Lulju 2015 bejn ir-Rikorrenti u l-intimat Garry Magro intemm;
3. Konsegwentament jordna lil intimati jizgumbraw immedjatament mill-fond bin-numru hamsa u erbghin (45) li jinsab gewwa Triq il-Qalb Imqaddsa, Santa Venera jew entro terminu qasir u perentorju illi jigi prefiss minn dan il-Bord;
4. Tordna lill-intimati in solidum bejniethom jhallsu kwalsiasi kontijiet u arretrati ta' kera, dawl, ilma u spejjez ohra li jirrizultaw sakemm jibqghu fl-okkupazzjoni tal-fond l-intimati;

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Gunju 2017, u bl-imghax legali sal-pagament effettiv; u bir-rizerva ta' kull azzjoni legali ulterjuri spettanti lir-rikorrenti kontra I-intimati li huma ngunti minn issa, in subizzjoni.

Ra d-dikjarazzjoni guramentata annessa mar-rikors guramentat.

Ra li l-intimati ghalkemm debitament notifikati ma dehrux ghas-seduta tallum biex jikkontestaw it-talbiet tar-rikorrenti.

Sema′ x-xhieda.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti hija wahda mill-proprjetarji tal-fond mertu tal-vertenza odjerna. Hija dahlet f′kuntratt ta′ lokazzjoni ma′ Garry Magro fit-8 ta′ Lulju 2015 u l-kirja ilha li skadiet mit-8 ta′ Lulju 2016. Ghalkemm il-kuntratt lokatizju sar ma′ Garry Magro dahlet ukoll tirrisjedi fil-fond l-intimata l-ohra. Jirrizulta li Garry Magro gie interpellat anki permezz ta′ ittra ufficjali sabiex johrog u jivvaka mill-fond izda l-intimati ma vvakawx.

Ghas-seduta tallum l-intimati ma dehrux. Deher missier l-intimat izda llum kellhom jidhru l-intimati nfushom u dan fit-termini tal-ligi.

Ir-rikorrent iddikjarat li minghajr pregudizzju ghad-drittijiet li jistghu jkunu spettanti lilha, hija kienet qeghda tirtira r-raba′ talba. Fid-dawl tas-suespost il-Bord jidhirlu li t-talbiet tar-rikorrenti l-ohra ghandhom jintlaqghu.

Il-Bord, ghal dawn il-motivi, filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba′ talba billi giet irtirata, tilqa′ t-talbiet l-ohra kollha u ai fini tat-tielet talba jordna lill-intimati jizgombraw mill-fond numru 45, Triq il-Qalb Imqaddsa, Santa Venera fi zmien hamsin (50) jum millum.

Bl-ispejjez tar-raba′ talba jkunu a karigu tar-rikorrenti u l-bqija tal-ispejjez ikunu a karigu tal-intimati.

**Dr Josette Demicoli LL.D.**
**Magistrat**

**Lorianne Camilleri**
**Deputat Registratur**